MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1661/2003

**M.I.M.S. Supplies Limited**

**vs**

**Joe Micallef**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta’ Awissu 2003, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ mija u sebgha u tletin Lira Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm137.68) rappresentanti bilanc minn somma akbar in konnessjoni ma prodotti debitament mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut mis-socjeta’ attrici fuq ordni u inkarigu tieghu. Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-mandat kawtelatorju fl-istess ismijiet prezentat kontestwalment mal-Avviz, u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data ta’ kull konsenja sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa’ ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Alex Muscat in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mija u sebgha u tletin Lira Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm137.68), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-Mandat kawtelatorju prezentat kontestwalment mal-Avviz, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------